MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 454/2014

**Michelle Mizzi (K. I. 501068M)**

**Vs**

**Jean Pierre Mizzi (K. I. 413868M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici ppremmettiet:

Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat 11 ta' Dicembru, 2006 (kopja annessa u mmarkata Dok A);

Illi l-konvenut jinsab moruz f'diversi pagamenti rapprezentati arretrati fl-awment ta' manteniment dovuti sa mis-sena 2009 kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-Trattazzjoni ta' dan il-kaz u dan a bazi ta' klawsola 3b) u 4 tal-kuntratt anness;

Illi l-konvenut irid jirrifondi lill-attrici spejjez sborsati mill-istess attrici rapprezentanti spejjez ta' uniformijiet, kotba, stationary, lezzjonijiet ta' privat, lezzjonijiet ta' handball (extra kurrikulari) u materjal edukattiv u dan a bazi ta' klawsola 3c) tal-kuntratt anness;

Illi l-ammont dovut ser jigi pruvat permezz ta' ricevuti u xhieda li ser tinstema waqt it-Trattazzjoni ta' dan il-kaz;

Illi l-konvenut irid ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u ghoxrin ewro (€120) rapprezentanti seduti li l-minuri attenda mal-psikologu Malcolm Tortell dan a bazi ta' klawsola 3c tal-kuntratt anness;

Illi l-konvenut irid jirrifondi lill-attrici s-somma ta' mitt ewro (€100) liema somma giet sborsata mill-attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut bhala rigal tal-Milied da parti tal-konvenut lill-minuri;

Bl-ispejjez u l-imghax legali.

Ra n-nota prezentata seduta stante minn Dr Maria Cardona datata 17 ta' Marzu, 2015 fejn giet ipprezentata skrittura privata bejn il-partijiet dwar is-sorte tal-kawza. Dr Maria Cardona talbet li tinghata sentenza a bazi tal-imsemmija skrittura.

Illi fil-mori tad-differiment giet ipprezentata nota kongunta tal-partjiet fejn iddikjaraw illi ghal kuntrarju ta' dak imnizzel fl-iskrittura privata datata 17 ta' Marzu, 2015 il-kawza ma

kinitx ser tigi ceduta izda li hemm qbil bejn il-partjiet illi t-Tribunal jaghti Sentenza fuq il-kumplament tal-kontenut.

- Illi ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici fl-ammont ta'elfejn sebgha mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2729.81c) li ghandhom jithallsu f'pagamenti rateali ta' mitejn u sebgha u sebghin Ewro (€277) fix-xahar sakemm isir il-hlas totali u a saldu.

Bl-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-partijet fi kwoti indaqs.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------